# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 131/2017 JVC**

**Dr. Ludvic Caruana I.D. 91570 (M) bhala mandatarju specjali ta' Christopher passaport Malti numru 1074707 u Sven passaport Malti numru 1172056, ahwa Camilleri**

**vs**

**Claudette Camilleri I.D. 504478 (M); u l-Awtorita' tad-Djar ghal kull interess illi jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr. Ludvic Caruana nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

<u>'DIKJARAZZJONI</u>

Din hija kawza ta' zgumbrament minn fond:

1. Illi l-attur nomine qieghed jidher f'isem l-ahwa Christopher u Sven Camilleri in forza ta' prokura specjali moghtija lilu, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dok A**.

2. Illi Christopher u Sven Camilleri huma l-proprjetarji ta' zewg (2) fondi ossia ta' terz (1/3) sehem indiviz ta' appartament li jgib l-isem 'Madonna tal-Karmnu', blokka numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1) gia' Binja ta' Calleja, blokka numru hdax (11), appartament numru wiehed (1), li jinsab fi Triq Kanonku Indri Galea, l-Imriehel, limiti ta' Birkirkara, kif ukoll mill-garaxx immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-livell ta' basement, fl-istess blokka li fiha hemm l-appartament, fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Mriehel, limiti ta' Birkirkara, u dan kif jirrizulta minn zewg *causa morti* hawn annessi u mmarkati **Dok B** u **Dok C**

3. Illi l-konvenuta hija l-armla ta' missierhom Carmelo Cornelius sive Charlie Camilleri li miet fl-10 ta' Ottubru tas-sena 2014, skont kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tieghu hawn anness u mmarkat **Dok D.**

4. Illi skont ir-ricerki testamentarji li saru fir-Registru Pubbliku kemm ta' Malta kif ukoll ta' Ghawdex ghar-rigward ta'

testmenti pubblici kif jirrizulta mic-certifikat ta' testmenti li qieghed jigi hawn anness u mmarkat **Dok E,** u fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) kemm ta' Malta kif ukoll fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghar-rigward ta' testmenti sigrieti kif muri mid-dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat **Dok F**, jirrizulta illi s-successjoni ta' Carmelo Cornelius sive Charlie Camilleri kienet regolata b'testment pubbliku unica charta li kien ghamel mal-ewwel mara tieghu, Lorita Zammit, li tigi omm il-werrieta Sven Christopher Camilleri, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tas-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995), hawn anness u mmarkat **Dok G.**

5. Illi skont l-imsemmi testment missier ir-rikorrenti, fit-Tieni Artikolu tal-imsemmi testment:

> *'Il-kontestaturi qeghdin ihallu lil xulxin u reciprokament b'titolu ta' legat u ghalhekk min imut l-ewwel minnhom qed ihalli lil min jibqa' haj minnhom kwart, ossia l-massimu permess mil-ligi fil-gurnata tal-mewt tal-ewwel wiehed minnhom fi proprjeta' assoluta u l-uzu u l-uzufrutt ghal tul il-hajja ta' min jibqa' haj fosthom tal-kumplemnt tal-gid taghhom kollu u minghajr eccezzjoni ta' xejn u jezentaw lil xulxin u reciprokament mill-obbligi tal-formazzjoni tal-inventarju u prestazzjoni tal-kawzjoni rikjesti mil-ligi.'*

6. Illi fir-raba' artikolu:

> *'Il-kontestaturi qeghdin jinnominaw bhala werrieta universali taghhom lil uliedhom kollha li ghad jistghu*

*jitwildulhom fil-futur, fi kwoti ndaqs bejniethom, bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom...'* L-ulied li ghalihom qieghda ssir referenza huma r-rikorrenti.

7. Illi minkejja dan, id-dispozizzjonijiet tat-Tieni Artikolu qeghdin jitqiesu bhala nulli u bla effett stante illi d-decuius ghamel dan it-testment mal-ewwel mara tieghu, Lorita Zammit, izda sussegwentement dawn isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana datat tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), hawn anness u mmarkat **Dok H**, fejn fi klawsola numru tlieta (3) gie ddikjarat illi *"Il-partijiet qeghdin jirrinunzjaw ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin. Tali rinunzja hija definittiva u testendi wkoll ghad-drittijiet ta' successjoni naxxenti minn testmenti illi saru mill-istess partijiet flimkien jew separatament qabel id-data ta' dan l-att b'mod illi b'effett ta' dan l-att, id-dispozizzjonijiet testamentarji maghmula minn xi parti wahda favur il-parti l-ohra ghandhom jitqiesu bhala revokati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi...'* Ghaldaqstant, is-successjoni tieghu hija regolata permezz tar-Raba' Artikolu tal-imsemmi testment, b'dan illi l-eredi universali tad-decuius huma wliedu Christopher u Sven Camilleri, ir-rikorrenti.

8. Illi ghalhekk il-konvenuta hija biss legittimarja u mhux werrieta ta' missier ir-rikorrenti.

9. Illi skont il-kuntratt tal-akkwist tal-appartament u l-garaxx sucitati, datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) in atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia, hawn anness u mmarkat **Dok I**, id-decuius kien akkwista z-zewg

proprjetajiet sucitati skont il-kundizzjonijiet fl-Avviz tal-Gvern S.O. numru 2 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Settembru tas-sena 2006, liema kundizzjonijiet jiffurmaw parti integrali mill-kuntratt tal-akkwist.

10. Illi skont l-istess kuntratt, min ikun akkwista sehem indiviz tal-fond, bl-ebda mod ma jista' jghaddi l-pussess tal-fond lil terzi, u fl-eventwalita' li ma jkunx irid jibqa' ko-proprjetarju tal-fond, huwa jkollu jitrasferixxi l-fond lura lil-Awtorita' tad-Djar u kwindi lanqas id-decuius ma seta' jitrasferixxu sehmu lill-intimata.

11. Illi d-decuius ma lahaqx akkwista l-kumplament taz-zewg terzi (2/3) indivizi tal-appartament minghand l-Awtorita' tad-Djar, u ghalhekk skont ir-regoli ghall-eredi li jkunu akkwistaw sehem indiviz tal-fond, f'pagna tnax (12) tal-kuntratt tal-akkwist, il-werrieta ghandhom:

> ‹‹ *f'kull kaz ta' trazmissjoni causa mortis u meta l-kompratur ikun akkwista biss sehem indiviz tal-fond, l-eredi ghandhom l-obbligu li fi zmien sentejn mill-mewt tal-ahhar wiehed fost il-kompraturi jixtru r-rimanenti sehem indiviz tal-immobbli......*
> *Fl-eventwalita' illi l-eredi ma jixtrux ir-rimanenti sehem indiviz kif hawn fuq indikat, ossia fi zmien sentejn mill-mewt tal-ahhar wiehed fost il-kompraturi, l-eredi ghandhom jaghtu l-pussess vakanti ta' l-immobbli lura lill-Awtorita' u ghandhom jersqu ghall-att ta' bejgh mal-Awtorita' li permezz tieghu ibieghu is-sehem indiviz originali lura lill-Awtorita'.......* ››

12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma obbligati illi stante li ma humiex f'pozizzjoni illi jakkwistaw iz-zewg terzi rimanenti, huma jridu per forza jitrasferixxu s-sehem li wirtu lura lill-Awtorita' tad-Djar.

13. Illi stante li l-appartament li kien iservi bhala d-dar matrimonjali tad-decuius u tal-konvenuta ma kienx jappartjeni fl-intier tieghu lid-decuius, il-konvenuta bhala armla tieghu ma ghandhiex dritt ta' abitazzjoni fl-istess fond kif jistipulat artikolu 633 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi r-rikorrenti ma humiex obbligati illi jixtru r-rimanenti zewg terzi (2/3) indivizi tal-imsemmi appartament, anzi huma obbligati li jitrasferixxu s-sehem li wirtu lura lill-Awtorita' tad-Djar.

14. Dawn ir-regoli sucitati japplikaw biss fir-rigward tat-terz (1/3) sehem indiviz tal-appartament. Fir-rigward tal-garaxx, stante illi huma eredi tas-sehem shih, huma jistghu jittrasferuh minghajr l-ebda obbligu lejn l-Awtorita' tad-Djar. Madanakollu l-intimata, minkejja illi ma ghandha l-ebda titolu fuq l-imsemmi garaxx u lanqas dritt ta' abitazzjoni stante illi huwa garaxx, hija xorta wahda baqghet tokkupah illegalment.

15. Illi permezz ta' ittra interpellatorja datata 16 ta' Gunju tas-sena 2016 (annessa ma' l-affidavit), u ittra ufficjali datata 29 ta' Novembru 2016 debitament notifikata lill-intimata fit-2 ta' Dicembru 2016 kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u markata Dok J, il-konvenuta giet interpellata sabiex tizgombra mill-imsemmija fondi, izda baqghet inadempjenti. Permezz ta' ittra ufficjali responsiva datata 7 ta' Dicembru

2016, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u markata Dok K, l-intimata irrespingiet it-talbiet ta' l-eredi fil-fatt u fid-dritt.

16. Illi qabel intbaghtet l-ittra interpellatorja, ir-rikorrenti ghamlu diversi tentattivi sabiex jippruvaw jassistu lill-intimata li takkwista z-zewg fondi hija stess, u dan hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-affidavit tar-rikorrenti.

17. Illi r-rikorrenti fl-ebda mument ma ppruvaw ixekklu lill-intimata milli takkwista s-sehem taghhom hi stess, anzi ghamlu dak kollu possibbli sabiex jghinuha. Izda r-regoli u obbligazzjonijiet tal-kuntratt tal-akkwist tad-decuius huma dawk li huma.

18. Illi tant kemm dan huwa minnu illi l-ittra interpellatorja ntbaghtet sena u tmien xhur wara l-mewt tad-decuius, u dan peress li r-rikorrenti kienu marbutin bit-terminu tas-sentejn li fihom huma kienu obbligati jittrasferixxu sehemhom mill-appartament lura lill-Awtorita' tad-Djar izda gew imxekkla mill-intimata li baqghet tokkupa z-zewg fondi abbuzivament u illegalment.

19. Illi oltre dan, il-partijiet kienu ftehmu bejniethom illi wara li jsir it-trasferiment u huma jinghataw il-flus ta' sehemhom, huma kellhom ihallsuha l-valur tas-sehem taghha mil-legittima stante illi minkejja illi huma jafu illi l-legittima tithallas fi flus, huma kienu ghadhom it-tnejn minuri u studenti u ghalhekk ma kellhomx finanzi sabiex ihallsuha. Kien recentement illi hija talbet il-legittima.

20. Illi ghalhekk u kif jirrizulta, il-konvenuta qieghda tokkupa z-zewg fondi minghajr titolu validu fil-ligi.

21. Illi sa fejn jafu r-rikorrenti, l-konvenuta ma ghandha l-ebda difiza x'taghti kontra t-talba taghhom.

<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fondi u cioe' terz indiviz ta' l-appartament li jinsab Madonna tal-Karmnu, blokka numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1) fi Triq Kanonku Indri Galea, l-Imriehel, limiti ta' Birkirkara kif ukoll is-sehem kollu mill-garaxx immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-livell ta' basement, fl-istess blokka li fiha hemm l-appartament, fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Mriehel, limiti ta' Birkirkara.

2. Illi r-rikorrenti huma werrieta universali ta' missierhom u ghalhekk huma wirtu l-garaxx flimkien ma' terz (1/3) indiviz tal-appartament.

3. Illi skont il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta' imsemmija, r-rikorrenti huma obbligati illi jitrasferixxu lura s-sehem indiviz lill-Awtorita' tad-Djar fi zmien sentejn mill-mewt tad-decuius.

4. Illi permezz ta' ittra interpellatorja u ittra ufficjali, il-konvenuta giet interpellata sabiex tivvaka mill-imsemmi fond izda baqghet inadempjenti.

5. Illi l-konvenuta qieghda tokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi.

6. Illi sa fejn jaf l-atturi il-konvenuta ma ghandha l-ebda difiza x'taghti kontra t-talba taghhom.

<u>TALBIET</u>

Illi tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ma ghandux din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara illi l-intimata Claudette Camilleri ma ghandhiex titolu validu fil-ligi li tokkupa l-fondi ossia appartament li jgib l-isem 'Madonna tal-Karmnu', sitwat fi blokka numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1) fi Triq Kanonku Indri Galea, l-Imriehel, limiti ta' Birkirkara kif ukoll garaxx immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-livell ta' basement, fl-istess blokka li fiha hemm l-appartament, fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Mriehel, limiti ta' Birkirkara.

7. Tiddeciedi u tilqa' t-talba tar-rikorrenti minghajr ma ghaddi ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-konvenuta ma ghandha l-ebda difiza x'taghti kontra t-talba taghhom u *in vista* tal-hawn fuq dikjarazzjoni guramentata u tal-annessi *affidavits* tar-rikorrenti, hawn annessi u mmarkati **Dok CC1 u Dok SC1**, kif ukoll traduzzjonijiet bil-Malti tal-istess affidavits hawn annessi u mmarkati **Dok CC2** u **Dok SC2**.

2. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fondi hawn fuq imsemmija u billi tikkundanna lill-

konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss tizgombra mill-fondi u cioe' mill-appartament li jinsab Madonna tal-Karmnu, blokka numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1) fi Triq Kanonku Indri Galea, l-Imriehel, limiti ta' Birkirkara kif ukoll mill-garaxx immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-livell ta' basement, fl-istess blokka li fiha hemm l-appartament, fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Mriehel, limiti ta' Birkirkara.

B'riserva ghat-telf ta' kera illi huma sofrew minhabba l-okkupazzjoni abbuziva u illegali tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluza l-ittra ufficjali numru 3888/16 kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita' tad-Djar li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi il-konvenuta Claudette Camilleri ma ghandha ebda titolu li permezz tieghu hi tista jew ghandha tibqa tokkupa il-fond mertu tal-kawza;

2. Illi il-partijiet ghandhom jaderixxu ma' dak indikat fil-kuntratt datat 22 ta' Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dok MM1;

3. Illi f'kull kaz l-esponenti ma ghandhom ibatu ebda spejjez konnessi ma' dawn il-proceduri;'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Claudette Camilleri li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti topponi ghat-talbiet tal-avukat Dr Ludvic Caruana nomine u dan stante li l-istess huma intempestivi, kif ukoll infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

2. Illi in linea preliminari jinghad illi l-mandat moghti lill-Avukat Dr Ludvic Caruana mhux in linea ma' dak rikjest mil-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hemm lok ta' lis alibi pendens fis-sens li l-esponenti certament hija intitolata ghas-sehem riservat in kwantu mart id-decuius Carmelo sive Charles Camilleri u fil-fatt wara li l-atturi proprio naqsu milli jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat spettanti lill-esponenti u addirittura zbankaw somom kbar ta' flus mill-kontijiet tad-defunt; l-esponenti kellha tipprosegwi kemm b'mandat t'inibizzjoni kif ukoll b'kawza *ad hoc* fl-ismijiet Claudette Camilleri v Christopher Camilleri et, liema kawza ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta u ggib in-numru 627/16LSO;

4. Illi bir-rispett jigi sottomess illi stante li l-kawza odjerna u dik fl-ismijiet Claudette Camilleri v Christopher Camilleri et, jitrattaw l-istess propjeta', l-istess wirt u l-istess partijiet, l-esponenti tikkontendi li z-zewg azzjonijiet ghandhom jimxu kontestwalment u dan stante li l-ezitu tal-kawza intavolata mill-esponenti certamentn tincidi fuq l-ezitu tal-kawza odjerna;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, dwar il-mertu tal-kawza odjerna jinghad illi l-fond fl-indirizz blokk numru tlieta, appartament numru wiehed, fi Triq il-Kanonku Indri Galea l-Imriehel, limiti Birkirkara kien jikkostitwixxi l-fond matrimonjali tal-esponenti u d-defunt zewgha Carmelo Camilleri u ghalhekk l-esponenti tgawdi mill-protezzjoni li taghti l-ligi bhala l-armla ta' Carmelo Camilleri u kwindi ghandha d-dritt illi tabita fl-istess fond;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi l-propjeta' fl-indirizz blokk numru tlieta, appartament numru wiehed, fi Triq il-Kanonku Indri Galea l-Imriehel, limiti Birkirkara tappartjeni lir-rikorrenti nomine biss in kwantu ghal terz; filwaqt li z-zewg terzi indivizi l-ohra tal-istess jappartjenu lill-Awtorita' tad-Djar u kwindi r-rikorrenti ma setghu qatt jitolbu l-izgumbrament tal-esponenti mill-fond fl-intier tieghu, stante li dan ma jappartjenix lilhom u kwindi m'ghandhomx l-interess guridiku necessarju f'dan ir-rigward;

7. Illi finalment, l-esponenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni.'

Rat l-affidavits, xiehda, prokura, dikjarazzjoni *causa mortis*, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji, testment, kuntratti, ittri, ittri ufficjali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Marzu, 2017 il-Qorti wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) awtorizzat lill-intimata Claudette Camilleri u l-intimata Awtorita' tad-Djar sabiex iressqu risposta guramentata fi zmien ghoxrin jum u l-kawza titkompla bil-procedura ordinarja;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Mejju, 2017 a fol. 135 tal-process Dr Sharon Mizzi Deguara u Dr Franco Galea rtiraw it-tielet (3) eccezzjoni;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Mejju, 2017 a fol. 136 tal-process il-partijiet qablu li l-provi li jingabru f'din il-kawza ghandhom jghoddu ghall-kawza 627/2016;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Marzu, 2018 deher Dr Ludvic Caruana li rrileva li l-kawza 627/2017 ma tiddependix fuq din il-kawza u vice versa u ghalhekk ghandhom jithallew ghas-sentenza independentement minn xulxin, mill-istadju li tkun waslet fih il-kawza l-ohra, inoltre l-provi ghandhom jingabru ndipendentement, u rat id-digriet tal-Qorti fejn ghamlet referenza ghad-digriet moghti fil-kawza 627/2017 dakinhar stess fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Mejju, 2017 fejn ipprovdiet li l-provi li jingabru f'dik il-kawza jghoddu ghal kawza odjerna;

Rat ir-rikors tal-konvenuta Claudette Camilleri ntavolat nhar it-12 ta' Marzu, 2018 fejn permezz tieghu b'referenza ghall-verbal tas-6 ta' Marzu, 2018 talbet lill-Qorti tirrevoka d-digriet tas-6 ta' Marzu, 2018 fiz-zewg kawzi u tordna li l-kawzi jkompli jinstemghu

kontestwalment, kif ukoll li l-provi f'kawza wahda ghandhom ikunu applikabbli fil-kawza l-ohra u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 14 ta' Mejju, 2018 a fol. 187 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu laqghet it-talba u rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tas-6 ta' Marzu, 2018 u rravvivat dak li gie vverbalizzat bi qbil bejn il-partijiet fit-23 ta' Mejju, 2017 u dan id-digriet gie jghodd ukoll ghall-kawza fl-ismijiet inversi numru 627/16;

Rat l-atti tal-kawza 627/16;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Ottubru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna giet istitwita originarjament bil-procedimenti sommarji specjali ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2017 il-Qorti rat li kien ghad jonqos in-notifika tal-intimata Claudette Camilleri u ghalhekk halliet il-kawza ghall-istess skop ghat-30 ta' Marzu, 2017 (ara verbal a fol. 87 tal-process). Sussegwentement fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2017 il-Qorti kif diversament preseduta wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), iddekretat billi awtorizzat

lill-intimata biex tressaq risposta guramentata fi ghoxrin (20) jum u ordnat li l-kawza titkompla bil-procedura ordinarja (ara verbal a fol. 103 tal-process).

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur Dr Ludvic Caruana bhala mandatarju specjali ta' Christopher u Sven ahwa Camilleri talab li jigi dikjarat li l-intimata qed tokkupa l-fondi ossia l-appartament bl-isem 'Madonna tal-Karmnu', fil-blokka numru 3, appartament numru 1 fi Triq Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara, kif ukoll il-garaxx immarkat bin-numru 1 fil-livell ta' basement fl-istess blokka fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara minghajr titolu validu fil-ligi u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fondi msemmija u tikkundanna lill-konvenuta tizgombra mill-fondi msemmija.

Illi l-intimata Awtorita' tad-Djar permezz tar-risposta guramentata taghha ntavolata nhar l-10 ta' April, 2017 eccepiet li l-konvenuta Claudette Camilleri m'ghandha l-ebda titolu li permezz tieghu hi tista' jew ghandha tibqa' tokkupa l-fond in kwistjoni. Eccepiet ukoll li l-partijiet ghandhom jaderixxu ma' dak indikat fil-kuntratt tat-22 ta' Frar, 2008 fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia u f'kull kaz m'ghandhomx ibatu spejjez konnessi ma' dawn il-proceduri.

Illi l-konvenuta Claudette Camilleri permezz tar-risposta guramentata taghha ntavolata nhar it-18 ta' April, 2017 opponiet ghat-talbiet stante li sostniet li huma ntempestivi. Preliminarjament eccepiet li l-mandat moghti lill-Avukat Dr Ludvic Caruana mhux in linea ma' dak rikjest mill-ligi. Eccepiet ukoll l-*lis alibi pendens* fis-sens li l-intimata hija ntitolata ghas-sehem riservat in kwantu mart il-mejjet Carmelo Camilleri u l-

atturi naqsu milli jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat u ghalhekk kellha tipprosegwi b'mandat kif ukoll b'kawza. L-intimata sahqet li stante li l-kawza odjerna u dik fl-ismijiet Claudette Camilleri -vs- Dr Ludvic Camilleri jitrattaw l-istess proprjeta`, l-istess wirt u l-istess partijiet, iz-zewg azzjonijiet ghandhom jimxu kontestwalment stante li l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet inversi tincidi fuq l-ezitu tal-kawza odjerna. Fil-mertu eccepiet li l-fond fl-indirizz 'Madonna tal-Karmnu', fil-blokka numru 3, appartament numru 1 fi Triq Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-intimata u l-mejjet Carmelo Camilleri u ghalhekk hija tgawdi mill-protezzjoni li taghti l-ligi billi ghandha d-dritt li tabita fl-istess fond. Eccepiet ukoll li r-rikorrenti nomine huwa proprjetarju in kwantu ghal terz, filwaqt li z-zewg terzi l-ohra jappartjenu lill-Awtorita' tad-Djar u ghalhekk ma setghu qatt jitolbu l-izgumbrament fl-intier tieghu u kwindi m'ghandhomx interess guridiku necessarju fir-rigward. Finalment opponiet ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna.

**<u>Eccezzjoni Preliminari:</u>**

Permezz ta' l-eccezzjoni preliminari l-intimata Claudette Camilleri eccepiet illi l-mandat moghti lill-Avukat Dr Ludvic Caruana mhux in linea ma' dak rikjest fil-Ligi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ntavolata nhar il-11 ta' Dicembru, 2020 espandiet billi qalet li d-dokument esebit mar-rikors promotur u li sar fl-esteru mhux awtentikat skont il-Hague Convention. Sahqet li huwa nkoncepibbli kif l-istess prokura specjali giet ittimbrata 'as a true copy of the original' meta huwa ovvju li l-konsulenti legali qatt ma kellhom f'idejhom l-original kif appostillat mill-awtoritajiet Inglizi.

Illi fl-atti gietipprezentata 'special power of attorney' iffirmata minn Christopher u Sven ahwa Camilleri quddiem Miss A M Rockey – Dental Surgery fis-16 ta' Settembru, 2016 (a fol. 9 tal-process). *Prima facie* jirrizulta li l-prokura saret minn dentist u m'hijiex wahda *apostilled* b'tali mod li ticcertifika l-firma, t-timbru u l-licenzja tal-persuna li ghamlet il-prokura. Fuq dan il-punt, l-intimata ghandha ragun tghid li l-prokura m'hijiex wahda konformi ma' dak rikjest fil-Ligi partikolarment il-Hague Convention. Madanakollu dan il-fatt wahdu ma jinvalidax il-mandat moghti mill-ahwa Camilleri lil Dr Ludvic Caruana stante li mandat jista' jkun anke wiehed verbali. Hekk di fatti nghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Giovanna Saliba pro et noe -vs- Adrian Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha nhar id-19 ta' Novembru, 2010 fejn inghad illi:

> 'Skond l-Artikolu 1856 tal-Kodici Civili "Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.". L-attrici kkonfermat li hutha kollha jaqblu li ssir din il-kawza. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 qalet: "L-atturi l-ohra huma huti. Huti Victoria Mifsud, Francis Saliba u John Saliba jghixu l-Awstralja. Bernardette Mifsud, ohti, tghix Hal Qorti, Malta." (fol. 31). Ipprezentat ukoll ittra datata 24 ta' April 2009 u li ntbaghatet lilha minn ditta ta' avukati fl-Awstralja ghan-nom ta' hutha John Saliba, Frank Saliba u Victoria Mifsud li jghixu fl-Awstralja (fol. 33). Fiha jinghad "What our clients now want to do is to reclaim Ta Kaccaturi for the family and to have their ownership of the property recorded as soon as possible. It might be in the best interests of the family if you consult a solicitor in Malta and make sure that this action is taken.".

Minn dan il-kliem hu evidenti li l-ahwa li jghixu barra minn Malta, kienu qeghdin jaghtu l-awtorizazzjoni lil Giovanna Saliba sabiex tipprezenta kawza ghan-nom taghhom biex il-konvenut jigi zgumbrat mill-art.

Sabiex persuna tipprezenta kawza ghan-nom ta' persuna ohra li tkun assenti minn Malta u biex tidher fil-kawza f'isem dik il-persuna, il-mandat m'hemmx ghalfejn ikun bil miktub. Mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew ukoll tacitament sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni specjali ohra tal-ligi (Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili). F'dan ir-rigward ma jirrizultax li hemm xi disposizzjoni tal-ligi li espressament tghid li l-mandat f'cirkostanzi bhal dawk attwali, irid jinghata bil-miktub.'

Jirrizulta li l-atturi ahwa Camilleri fl-ebda hin ma cahdu li huma taw l-awtorita' lill-mandatarju taghhom Dr Ludvic Caruana sabiex jistitwixxi l-proceduri odjerni. L-ahwa Camilleri xehdu wkoll fl-atti permezz tal-procedura tal-affidavit, kif ukoll in kontro-ezami u fl-ebda istanza ma ndikaw li kellhom xi haga kuntrarja mal-mandat moghti minnhom lil Dr Ludvic Caruana.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni:</u>**

Fir-raba' eccezzjoni taghha l-konvenuta tissottometti li stante li l-kawza odjerna u dik fl-ismijiet inversi Claudette Camilleri -vs-Christopher Camilleri et jitrattaw l-istess proprjeta', l-istess wirt, u

l-istess partijiet, iz-zewg azzjonijiet ghandhom jimxu kontestwalment u dan stante li l-ezitu tal-kawza ntavolata mill-esponenti certament tincidi fuq l-ezitu tal-kawza odjerna.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet tal-14 ta' Mejju, 2018 a fol. 187 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba li l-konvenuta Claudette Camilleri resqet b'rikors u ordnat li l-kawzi jkompli jinstemghu kontestwalment, kif ukoll li l-provi f'kawza wahda ghandhom ikunu applikabbli fil-kawza l-ohra. Jirrizulta li effettivament il-kawzi kienu mexjin flimkien tant li entrambi jinsabu ghas-sentenza u l-provi jghoddu wahda ghal ohra. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan espost, din l-eccezzjoni hija sorvolata.

**<u>Is-sitt eccezzjoni:</u>**

Illi permezz tas-sitt eccezzjoni taghha, l-intimata teccepixxi li l-fond fl-indirizz blokk numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1), fi Triq il-Kanonku Indri Galea, l-Imriehel limiti ta' Birkirkara tappartjeni in kwantu ghal terz lir-rikorrenti filwaqt li z-zewg terzi l-ohra lill-Awtorita' tad-Djar u kwindi r-rikorrenti ma setghux jitolbu l-izgumbrament tal-esponenti mill-fond fl-intier tieghu u ghalhekk sahqet li m'ghandhomx interess guridiku necessarju.

Illi dwar l-interess guridiku nghad illi '*…l-interess hu l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess*'[1]. Inghad ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **Henry Tabone -vs- Hilda Demajo** deciza fit-3 ta' Novembru, 2004 illi:

---

[1] Vol. XXX.i.317.

> 'L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament-vantaggjuz jew utili ghal min jipproponih, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta.'

L-atturi ahwa Camilleri huma l-proprjetarji ta' terz indiviz ta' l-appartament 'Madonna tal-Karmnu', fil-blokka numru 3, appartament numru 1 fi Triq Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara u l-garaxx fl-istess blokk u fl-istess indirizz mertu tal-kawza odjerna. L-atturi huma obbligati bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-22 ta' Frar, 2008 (a fol. 37 *et seq* tal-process) partikolarment dawk fis-sezzjoni '<u>Regoli ghall-eredi ta' kumpratur illi jkunu akkwistat sehem indiviz tal-fond</u>'. Di fatti f'din is-sezzjoni in sintesi hemm stipulat li eredi ta' kompratur ta' sehem indiviz ta' fond huma obbligati li fi zmien sentejn mill-mewt tieghu jixtru r-rimanenti sehem indiviz tal-immobbli. Fil-kaz li ma jixtrux ir-rimanenti sehem indiviz fi zmien sentejn, l-eredi huma obbligati li jirritornaw il-pussess vakant tal-immobbli lura lil Awtorita' u ghandhom jersqu ghal att ta' bejgh ma' l-Awtorita' li permezz tieghu jbieghu s-sehem indiviz originali lura lil Awtorita'.

Tul il-process l-atturi ahwa Camilleri jinsistu li barra li huma l-proprjetarji, huma wkoll obbligati bil-kundizzjoni msemmija, u ghalhekk kellhom jipprocedu bit-talba ghall-izgumbrament tal-konvenuta Claudette Camilleri. Jekk il-kawza odjerna tirnexxi ser iggibilhom rizultanzi utili. Ghalhekk jikkonsegwi li l-atturi ahwa Camilleri ghandhom l-interess guridiku sabiex imexxu l-azzjoni odjerna rrispettivament mill-fatt li ghandhom biss terz indiviz (1/3) mill-fond ossia appartament. Dan premess, jinghad li l-atturi

ahwa Camilleri ghandhom is-sehem shih tal-garaxx, b'dan li l-argument tal-konvenuta assolutament ma jregix. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Mertu:</u>**

L-atturi Christopher u Sven ahwa Camilleri jishqu li huma l-proprjetarji ta' zewg fondi ossia terz (1/3) indiviz ta' appartament Madonna tal-Karmnu, fil-blokka numru 3, appartament numru 1 fi Triq Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara, u l-garaxx immarkat bin-numru 1 fil-livell ta' basement, fl-istess blokka fi Triq Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara. Bhala derivazzjoni tat-titolu taghhom iressqu kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret minnhom mal-mewt ta' missierhom Carmelo Camilleri (a fol. 11 *et seq* tal-process), kif ukoll ir-ricerki testamentarji (a fol. 23 *et seq* tal-process) u t-testment relattiv (a fol. 26 *et seq* tal-process).

Illi r-relazzjoni tal-atturi ahwa Camilleri mal-intimata Claudette Camilleri hija li l-mejjet missierhom Carmelo Camilleri, wara l-annullament tal-ewwel zwieg, kien rega' zzewweg mal-intimata Claudette Camilleri. Missier l-atturi kien irregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' testment *unica charta* ma' l-ewwel mara tieghu Lorita Zammit tad-19 ta' Settembru, 1996 (fol. 26) liema testment ma kienx gie mhassar u rrevokat, ghajr ghal parti zghira minnu, li kienet giet revokata bl-effetti tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Novembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana. Fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni kien inghad li kwalunkwe disposizzjonijiet testamentarji maghmula minn xi parti favur l-ohra kellhom jitqiesu bhala rrevokati u ghalhekk

ikkonsegwa li s-successjoni tieghu giet regolata bir-raba' Artikolu tal-imsemmi testment b'dan li l-werrieta universali tieghu kienu wliedu Christopher u Sven ahwa Camilleri. L-atturi jishqu li l-intimata qed tokkupa l-immobbli fuq deskritti minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u ghalhekk jitolbu li tigi zgumbrata mill-imsemmija fondi.

Illi l-konvenuta Claudette Camilleri tilqa' ghat-talbiet tal-atturi principalment billi targumenta li l-fond fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Imriehel limiti ta' Birkirkara kien jikkostitwixxi l-fond matrimonjali taghha u l-mejjet Carmelo Camilleri. Ghalhekk hija tishaq li tgawdi l-protezzjoni li taghti l-ligi bhala l-armla ta' Carmelo Camilleri cioe' d-dritt li tabita fl-imsemmi fond ai termini tal-Artikolu 633 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-aktar ta' rilevanza mill-Artikolu 633 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma s-sub-artikoli 1 u 2 li jaqraw kif isegwi:

> '(1) Min jibqa' ħaj mill-miżżewġin ikollu jedd li jabita fil-post li jkun jintuża bħala r-residenza prinċipali ta' dak li jibqa' ħaj meta tmut il-parti l-oħra, meta dak il-post ikun proprjetà assoluta ta' jew miżmum b'enfitewsi mill-parti li tmut jew waħedha jew flimkien ma' min jibqa' ħaj.
>
> (2) Kemm mill-post hu suġġett għall-jedd ta' abitazzjoni ma jkunx limitat minħabba li, wara l-mewt tal-ewwel parti, il-parti l-oħra tkun teħtieġ parti inqas mill-post.'

Illi mill-atti jirrizulta u mhux kontestat li l-intimata u l-mejjet Carmelo Camilleri tul il-perijodu ta' zwieg taghhom kienu

jirrisjedu fl-appartament Madonna tal-Karmnu, fil-blokka numru 3, appartament numru 1 fi Triq Kanonku Indri Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara. Huwa evidenti ghalhekk li d-dar matrimonjali taghhom kienet l-imsemmija fond.

Jifdal ghalhekk x'jigi ezaminat ai termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 633 tal-Kodici Civili jekk il-fond kienx mizmum (1) bi proprjeta' assoluta jew (2) b'enfitewsi mill-mejjet Carmelo Camilleri jew wahdu jew flimkien ma' min baqa' haj, f'dan il-kaz Claudette Camilleri.

Illi din il-Qorti mill-atti partikolarment mill-kuntratt tat-22 ta' Frar, 2008 fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia a fol. 37 *et seq* tal-process tinnota li l-proprjeta' giet trasferita lil Carmelo Camilleri b'titolu ta' bejgh izda suggett ghall-kundizzjonijiet segwenti applikabbli partikolarment ghall-appartament:

> 'Inoltre, dan il-bejgh ghandu jsehh bil-kondizzjonijiet segwenti:
>
> 1. L-Awtorita' ser timponi fuq l-appartament intier, bil-kunsens tal-kumpratur accettanti, ic-cens annwu u perpetwu ta' tmienja u hamsin ewro punt tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) fuq l-imsemmi appartament u liema cens ser jigi impost mall-akkwist tal-fond shih izda liema cens ser ikun dovut millum.
>
> 2. L-kumpratur jobliga ruhu li jifdu c-cens fuq imsemmi skond il-ligi li jipprevali fiz-zmien tal-fidi u dan fi zmien ghaxar snin minn meta l-kumpratur jkun akkwista l-intier

tal-fond, u bil-hlas ta' lawdemju skond il-ligi f'kull trasferiment futur tal-fond. Il-kondizzjonijiet ta' dan il-bejgh kif imposti fuq il-kumpratur jibqa' japplika anke wara l-fidi.

3. Il-kumpratur qieghed jinghata id-dritt illi fil-futur jixtri l-kumplament tal-fond hawn fuq deskritt, u dana kif gej:

jekk ix-xiri/bejgh tal-kumplament tal-fond hawn fuq deskritt isir sa zmien ghaxar (10) snin mid-data ta' dana l-att, il-prezz tas-sehem rimanenti ikun skond il-valur tal-immobbli shih kif sussidjat kif imsemmi aktar qabel f'dana l-att jigifieri s-somma ta' hamsin elf u wiehed u tmenin ewro punt tnejn u hamsin centezmu (€50,081.52) ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm21,500) ghal tali sehem rimanenti

b) jekk ix-xiri/bejgh tal-kumplament tal-fond hawn fuq deskritt isir wara l-iskadenza ta' ghaxar (10) snin mid-data ta' dana l-att, il-prezz tas-sehem rimanenti ikun skond il-valur kif sussidjat tal-immobbli kif imsemmi aktar qabel f'dana l-att jigifieri s-somma ta' hamsin elf u wiehed u tmenin ewro punt tnejn u hamsin centezmu (€50,081.52) ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm21,500) ghal tali sehem rimanenti liema prezz ghandu jigi mizmum ratealment skont ir-rata ta' l-inflazzjoni dekorribbli millum u sa meta ikun ser isir il-kuntratt ta' bejgh tal-kumplament tal-fond.

Kemm il-darba il-kumpratur ma jixtrix ir-rimanenti sehem indiviz ta' l-immobbli sa zmien ghaxar snin millum, wara l-

iskadenza ta' l-ghaxar sena, il-kumpratur ghandhom ihallsu lill-Awtorita' somma annwali u/jew mensili li tigi ffissata mill-Awtorita' tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta taghha u dana bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond shih.'

Fix-xiehda tal-intimata a fol. 240 tal-process hija tghid li kull sena ghadha sal-lum thallas ic-cens lill-Housing. Dan jirrifletti dak li jinghad fil-kuntratt u cioe' li kien u qed jithallas cens annwali. Mad-data tal-mewt ta' Carmelo Camilleri ma' tressqet l-ebda prova kuntrarja li dan ic-cens ma kienx qed jithallas kif sostniet u xehdet l-intimata. Jirrizulta wkoll li Carmelo Camilleri miet entro l-ewwel ghaxar snin minn meta sar il-kuntratt fis-sena 2008. Ix-xiehda tal-intimata Camilleri bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-partijiet l-ohra.

Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-fond ossia appartament mhux mizmum bi proprjeta' assoluta u dana stante li mill-kuntratt innifsu tat-22 ta' Frar, 2008 a fol. 37 *et seq* tal-process hemm iddikjarat li l-mejjet Carmelo Camilleri xtara u akkwista minghand l-Awtorita' tad-Djar '*...is-sehem ta' terz indiviz mill-appartament numru wiehed (1) fi block ta' appartamenti numru tlieta (3) fi Triq il-Kanonku Indri Galea fi blokka bla isem u bla numru, mibni dan il-blokk fuq plot numru hdax (11) maghrufa Binja ta' Calleja Mriehel...*'.

Il-Qorti in vista ta' dak suespost tqis allura li l-artikolu 633 (1) tal-Kodici Civili (Kap. 16) jsib applikazzjoni favur l-intimata Claudette Camilleri limitatament izda ghall-appartament li minnu qed jintalab li tigi zgumbrata l-istess intimata Claudette Camilleri u dan stante li jirrizulta li dan l-appartament, apparti t-terza parti mizmuma in proprjeta', kien ukoll mizmum fit-totalita tieghu b'emfitewsi mill-parti li mietet u li l-hlas tal-istess cens ghadu qed

jigi affettwat minn Claudette Camilleri u skont ix-xiehda taghha ghadu jigi accettat sal-lum. Il-Qorti tqis li dan l-artikolu tal-ligi jipprevali fuq il-kundizzjonijiet l-ohra fil-kuntratt ta' akkwist u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-abbli difensuri tal-intimata Camilleri fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha b'referenza ghal dan l-artikolu fost ohrajn kif isegwi:

'Jidher li l-appellant ma afferrax l-implikazzjonijiet u l-import tal-artikolu 633 (A) (art 633) tal-Kodici Civili kif emendat, kif lanqas jidher li apprezza l-valur socjhali innovattiv ta' emenda li hi ovvjament immirata biex taghti protezzjoni shiha lill-konjugi superstiti fit-tgawdija tad-dar fejn joqghod . . . . Dak li l-legislatur appozitament reid jipprovdi ghalih biex jassigura li ghall-ebda raguni, u taht ebda cirkostanza, ma jkun hemm xi indhil jew molestja fid-dritt ta' abitazzjoni li ried li l-konjugi superstiti jibqa' jgawdi fuq dan il-fond. U dana minghand hadd. Tali protezzjoni trid qabel xejn tinghata kontra membri tal-istess familja tas-superstiti jew tal-familja tal-konjugi defunt li fil-parti l-kbira tal-kazijiet ikollhom interess dirett – spiss ta' proprjieta' – fil-fond li kien iservi bhala r-residenza principali tal-konjugi.' (**Maria Buhagiar vs. Rosario Buhagiar, Qorti tal-Appell, 4 ta' Dicembru, 1995.)**

L-istess argument izda ma japplikax ghall-garaxx in kontestazzjoni stante li ghalkemm mizmum bhala proprjeta' assoluta minn Carmelo Camilleri madanakollu ma jistax jinghad li d-dritt ta' abitazzjoni skont l-artikolu tal-Kodici Civili huwa ezercitabbli fuq il-garaxx stante li l-uzu ta' garaxx mhuwiex wiehed residenzjali.

Ghaldaqstant filwaqt li t-talbiet tal-atturi jisthoqq li jigu milqugha fir-rigward tal-garaxx ghandhom jigu michuda fil-bqija.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Camilleri bl-ispejjez kontra taghha;

2. Tiddikjara r-raba' eccezzjoni tal-intimata Camilleri bhala sorvolata;

3. Tichad in parte l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Claudette Camilleri sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4. Tichad in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita' tad-Djar sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

5. Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatatament u tiddikjara illi l-intimata Claudette Camilleri m'ghandhiex titolu validu fil-ligi li tokkupa l-garaxx immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-livell ta' basement tal-Blokka numru 3 fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Mriehel, limiti ta' Birkirkara filwaqt li **tichad** it-talba attrici fir-rigward tal-fond ossia appartament li jgib l-isem 'Madonna tal-Karmnu', sitwat fi blokka numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1) fi Triq Kanonku Indri Galea, l-Imriehel, limiti ta' Birkirkara.

6. Tiddikjara t-tieni talba attrici bhala sorvolata.

7. Tilqa' t-tielet talba attrici limitatament u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-garaxx immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fil-livell ta' basement, fi blokka numru 3 fi Triq il-Kanonku Indri Galea, Mriehel, limiti ta' Birkirkara filwaqt li tichad it-tielet talba attrici fil-konfront tal-appartament li jgib l-isem 'Madonna tal-Karmnu', sitwat fi blokka numru tlieta (3), appartament numru wiehed (1) fi Triq Kanonku Indri Galea, l-Imriehel, limiti ta' Birkirkara.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez li ghadhom mhux decizi ghandhom jigu sopportati terz minn kull parti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' April, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' April, 2021**